# PERSONAĠĠI INTERNAZZJONALI JAMMIRAW LIL PAJJIŻNA



**EDWARD SCICLUNA** /Ministru għall-Finanzi




**Malta wriet li hi kapaċi tinteraġixxi kemm ma' sħabha l-Ewropej u anke ma' sħabha tal-Afrika ta' Fuq**

Matul l-ewwel ġimgħa ta' April, ġew organizzati erba' laqgħat importanti ferm f'dak li għandu x'jaqsam mad-dinja tal-politika finanzjarja.

Dawn il-laqgħat kienu l-High Level Seminar tal-Eurofi, il-laqgħa Djalogu Finanzjarju tal-5+5, laqgħa tal-Eurogroup u laqgħa informali tal-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, magħruf bħala ECOFIN. Dawn kollha seħħew fi spazju ta' ftit jiem, meta l-Forum tal-Eurofi kien mifrux fuq tlett ijiem bejn l-Erbgħa 5 ta' April u l-Ġimgħa 7 ta' April. Il-laqgħa Djalogu Finanzjarju tal-5+5 saret nhar il-Ħamis 6 ta' April, il-laqgħa tal-Eurogroup saret nhar il-Ġimgħa 7 ta' April u l-Laqgħa Informali tal-ECOFIN bdiet dakinhar u ntemmet l-għada s-Sibt 8 ta' April.

Dawn kienu laqgħat impenjattivi ħafna fejn anke saħansitra jista' jkun hemm min jistaqsi għalfejn ma sarux fi spazju mifrux fuq numru ta' xhur. Ir-raġuni hija f'dan il-każ, laqgħa tiġbed lill-oħra. Kull pajjiż li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu d-dmir li jorganizza laqgħa informali tal-ECOFIN. Din normalment tkun mifruxa fuq jumejn, jew aħjar żewġ nofstanhari, dak tal-ewwel jum, u l-għada filgħodu.

In-nofstanhar ta' filgħodu tal-ewwel jum ikun iddedikat għall-Eurogroup, jiġifieri laqgħa tal-Ministri tal-Finanzi tal-istati membri tal-UE u li jużaw il-munita ewro.

Naturalment, laqgħa bħal din tfisser li l-Ministri għall-Finanzi kollha tal-UE u bid-Delegazzjonijiet tagħhom magħmulin mill-ogħla uffiċjali tagħhom ikunu preżenti għaliha. Normalment, dawn il-laqgħat isiru fi Brussell u xi minn daqqiet fil-Lussemburgu, iżda l-pajjiż li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill jorganizza laqgħa f'pajjiżu. Din il-laqgħa tkun informali, jiġifieri ħielsa minn ħafna rbit, speċjalment dwar dak li għandu x'jaqsam mal-għażla tas-suġġetti.

Allura, kif wieħed jista' jobsor, dawn il-Ministri u l-uffiċjali kienu kollha preżenti għall-Eurogroup u l-ECOFIN li seħħew ftit iktar minn ġimgħa ilu. Terġa' u tgħid, għall-ewwel jum tal-ECOFIN, hija l-użanza li l-Kunsill jistieden lill-gvernaturi tal-banek ċentrali tal-UE kollha biex jieħdu sehem.

Il-preżenza daqstant kbira ta' dawn l-uffiċjali tiġbed magħha l-interess ta' bosta, mhux biss tal-ġurnalisti li jirrappurtaw fuq is-suġġett. Dan jinkludi wkoll bankiera, regolaturi, esperti finanzjarji u akkademiċi. Huwa għalhekk li l-organizzazzjoni Ewropea Eurofi, li twaqqfet fl-2000 torganizza High Level Seminar fil-jiem ta' qabel ma jibdew il-Eurogroup u l-Ecofin. Dan is-*seminar* huwa mfittex sew minn dawn in-nies li semmejt iktar 'il fuq, u tajjeb li ngħidu kien hemm interess qawwi ferm fil-laqgħa li saret f'pajjiżna. Tant hu hekk, li l-Eurofi rreġistrat aktar minn 500 delegat.

Allura huwa faċli li wieħed jara kif konna qegħdin nobsru li kien se jkollna għajnejn id-dinja finanzjarja Ewropea fuqna matul dawk il-jiem. Kien għalhekk li jiena ridt li nużaw din l-okkażjoni unika biex niffokaw aktar l-attenzjoni ta' sħabna l-Ewropej fuq reġjun li forsi xi kultant jintefa' fil-ġenb.

Qed nirreferi għall-Mediterran tal-Punent, speċjalment il-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq.

Kien għalhekk li ħadt l-inizjattiva li nlaqqa' Ministri tal-Finanzi tal-Alġerija, il-Libja, il-Marokk, il-Mawritanja u t-Tuneżija flimkien ma' sħabi l-Ministri Ewropej, ċioè dawk ta' Franza, l-Italja, l-Portugall, u Spanja f'laqgħa li nsejħulha Djalogu Finanzjarju tal-5+5, biex dawn il-Ministri, flimkien mal-uffiċjali tagħhom ikollhom l-okkażjoni li wara l-laqgħa li seħħet f'Pariġi aktar kmieni din is-sena, jiltaqgħu wkoll f'ambitu fejn ikun hemm diversi persuni li s-soltu ma jkollhomx l-okkażjoni li jiltaqgħu magħhom.

L-għan ta' din il-laqgħa kien li naraw x'inhuma l-bżonnijiet ta' dawn il-pajjiżi, biex insaħħuhom u biex joktor l-investiment, anke permezz tal-banek tal-iżvilupp bħall-Bank Dinji (World Bank), il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD) u l-Bank Ewropew tal-Investiment (EIB) biex isostnu dawn il-pajjiżi. Din il-mira qiegħda tikseb kunsens minn bosta pajjiżi tal-UE, ewlieni fosthom il-Ġermanja li permezz tal-Ministru Federali tal-Finanzi tagħha Dr Wolfgang Schäuble qed timbotta dak li qed jissejjaħ Compact for Afrika, permezz tal-Presidenza Ġermaniża tal-grupp tal-aktar 20 pajjiż industrijalizzat fid-dinja, magħruf bħala G20.

Tajjeb li nfakkar li jiena, bħala President tal-ECOFIN irrappreżentajt lill-pajjiżi kollha tal-UE fl-aħħar laqgħa tal-G20 li saret ix-xahar li għadda f'Baden Baden, il-Ġermanja. Din il-laqgħa, nista' ngħid li kienet ta' suċċess, għax aħna l-Maltin, kapaċi ninteraġġixxu kemm ma' sħabna l-Ewropej, kif ukoll ma' sħabna tal-Afrika ta' Fuq. Fil-fatt, il-Ministri tal-Finanzi Ewropej, speċjalment ta' Franza u l-Italja baqgħu sorpriżi kif konna kapaċi inġibuhom f'pajjiżna u ngiegħluhom iħossuhom komdi jiddjalogaw mal-Ewropej. Dan iseħħ għax lilna jafdawna, u għalhekk inħobbu nsemmu li Malta hija pont bejn l-Ewropa u l-Afrika ta' Fuq, għax għandna ċertu kwalitajiet li jippermettu dan u li ma nużawhomx biex nisfurttaw is-sitwazzjoni, iżda biex nagħtu kontribut.

Tajjeb li wieħed jiftakar li dawn il-laqgħat saru f'waqt meta Malta qiegħda tgawdi minn rata ta' tkabbir ekonomiku ferm ikbar mill-medja taż-Żona Ewro, fejn qatt ma kien hawn daqstant nies jaħdmu, fejn ir-rata tal-qgħad hija l-inqas fost il-pajjiżi tal-UE u fejn għall-ewwel darba mill-1981, f'Malta mhux qegħdin nitkellmu dwar defiċit, iżda dwar *surplus*.

Tajjeb li nsemmi li kienu bosta dawk id-delegazzjonijiet li kellhom kliem ta' tifħir għal dawn il-laqgħat, kemm għall-kwalità tad-diskussjoni fi ħdanhom, kif ukoll għall-organizzazzjoni impekkabbli f'kull lat.

## Il-poplu ħaqqu l-laħma u mhux il-għadma

Sur Editur,

Permezz tal-ġurnal tiegħek L-ORIZZONT nixtieq ngħaddi suġġeriment lill-Ministru Chris Cardona. Ilna snin nisimgħu dwar il-futur tal-White Rocks. Ċerti proġetti li jistgħu jirrendu qligħ tajjeb il-gvern ma jistudjax pjan biex dawn isiru bi flus il-poplu.

Hawn eluf ta' ħaddiema, li min faddal ħamest elef ewro, min faddal għaxart elef, min faddal għoxrin, tletin eċċ. Dawn għandhom flushom il-banek u minnhom ma jieħdu lura kważi xejn. Dawn jixtieqru li jinvestu fil-proprjetà iżda waħedhom ma jaslux.

Jekk il-gvern tassew irid li ż-żgħir ukoll jimxi 'l quddiem, ma jistax isib mezz legali biex tinħoloq kumpanija, u ċerti proġetti jsiru bi flus il-poplu ħalli l-qligħ li jirrendu jgawdu minnu kemm jista' jkun ħafna nies.

Jiena nemmen li hawn eluf ta' ħaddiema Maltin u Għawdxin li jkunu interessati fi proġetti li jkun hemm probabbiltà li jħallu qligħ tajjeb. Ħamsa u għoxrin elf ruħ, li ras għal ras lesti jinvestu għaxart elef kull wieħed, jammontaw għal total ta' mitejn u ħamsin miljun. Immaġinaw kieku ftit tas-snin wara, minflok ma jħalluhom fil-banek u minnhom jieħdu litteralment ftit flus, l-għaxart elef li jinvestu jirrendulhom għaxart elef oħra qligħ kemm tassew jibdew iħossuhom aħjar il-ħaddiema Maltin.

U l-gvern xorta jdaħħal sehmu u xorta jkollu xi jqassam liż-żgħir fil-baġit. L-unika differenza li tkun saret tkun li minflok ma' erbgħa min-nies jagħmlu profitt ta' miljuni kbar bejniethom biss, dawk il-miljuni jinqasmu bejn eluf ta' nies.

Issa jiena nemmen li din il-proposta tista' tinħoloq għax ippropponieha Simon Busuttil fix-xiri tal-Air Malta li waqqaf Gvern Laburista u fallieha ċermen Nazzjonalist bix-xiri ta' ajruplani li kumpanija oħra riedet teħles minnhom. Fl-aħħar nett nixtieq naħtaf l-opportunità u niġbed l-attenzjoni tal-Kap tal-Oppożizzjoni biex lill-poplu jinkludih fejn hemm il-laħam xi jmexmex u mhux fejn hemm l-għadam xi jgerrem.

JOE AQUILINA,
il-Ħamrun